SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba'Awla)

5 ta' Mejju 2022*

Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Xogħol part-time – Direttiva 97/81/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol part-time – Klawżola 4(1) – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Persunal akkademiku part-time – Ħatra b'mod permanenti awtomatika rriżervata lill-membri tal-persunal akkademiku li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim full-time – Kalkolu tal-perċentwali ta' piż ta' xogħol full-time li jikkorrispondi għal piż ta' xogħol part-time – Assenza ta' rekwiżiti"

Fil-Kawża C-265/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-hof van beroep Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Marzu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Ġunju 2020, fil-proċedura

FN

vs

Universiteit Antwerpen *et,*

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn I. Ziemele, Presidenta tas-Sitt Awla, li qed taġixxi bħala President tas-Seba' Awla, T. von Danwitz u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal FN, minn P. Flameyu L. Cornelis, advocaten,

– għal Universiteit Antwerpen *et*, minn H. Buyssens u J. Deridder, advocaten,

– għall-Gvern Belġjan, minn M. Van Regemorter, L. Van den Broeck u C. Pochet, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Haasbeek, D. Recchia u C. Valero, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time"), li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267), kif emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 98/23/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 278) kif ukoll il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem, il-"Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat", li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn FN u l-Universiteit Antwerpen (l-Università ta' Antwerpen, iktar 'il quddiem l-"UA"), u ex viċi-rettur, ex rettur, u ex dekani ta' din l-Università, u l-Vlaamse Autonome Hogeschool Hogeschool Zeevaartschool (Istitut Superjuri Awtonomu Fjamming, "Hogere Zeevaartschool", iktar 'il quddiem il-"Hogeschool") kif ukoll ex direttur ta' dan l-istabbiliment, dwar it-terminazzjoni allegatament abbużiva tal-kuntratt relatat mal-pożizzjoni tiegħu ta' professur fl-UA.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time

3 Il-klawżola 3(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time jiddefinixxi l-kunċett ta' "ħaddiem part-time" bħala "ħaddiem li s-sigħat normali tax-xogħol tiegħu, ikkalkulati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja għal perjodu ta' impjieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' ħaddiem *full-time* ta' l-istess tip".

4 Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, intitolata "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", tipprevedi:

"1. Fejn għandhom x'jaqsmu il-kondizzjonijiet tax-xogħol, ħaddiema *part-time* m'għandhomx jiġu ttrattati b'manjiera inqas favorevoli minn ħaddiema *full-time* ta' l-istess tip biss minħabba li huma jaħdmu part-time kemm-il darba dan it-trattament differenti mhuwiex oġġettivament ġustifikat.

2. Meta approprjat, il-prinċipju tal- *pro rata temporis* għandu japplika.

3. L-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola għandhom ikunu definiti mill-Istati Membri u/jew is-sieħba soċjali, b'kont meħud tal-leġiżlazzjoni Ewropea, il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika.

4. Meta oġġettivament ġustifikat l-Istati Membri jistgħu wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu, meta approprjat, jikkondizzjonaw l-aċċess għal impjiegi partikolari bi kwalifiki ta' perjodu ta' servizz, ħin maħdum jew rati ta' qligħ. Il-kwalifiki li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess ta' ħaddiema *part-time* għal kondizzjonijiet ta' l-impjieg partikolari għandhom jiġu ezaminati perjodikament b'kont meħud tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni espress fil-Klawżola 4.1."

Il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat

5 Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat, intitolata "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", jipprevedi fil-punti 1 u 2 tiegħu:

"1. Fejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva [minn raġunijiet oġġettivi].

2. Meta approprjat, għandu japplika l-prinċipju ta' *pro rata temporis*."

6 Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tipprevedi:

"1. Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:
   a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
   b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;
   (c) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss:
   a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';
   b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit."

Id-dritt Belġjan

7 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 72 tad-decreet betreffende de universiteiten in de Vlaamse Gemeenschap (id-Digriet tat-12 ta' Ġunju 1991 dwar l-Universitajiet fil-Komunità Fjamminga, tat-12 ta' Ġunju 1991 (*Belgisch Staatsblad*, 4 ta' Lulju 1991, p. 14907), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet dwar l-Universitajiet"), kien jipprevedi:

"L-awtoritajiet universitarji għandhom jiddeterminaw għal kull membru tal-persunal akkademiku jekk il-pożizzjoni tiegħu hijiex full-time jew part-time. Huma jindikaw ukoll il-korpi li taħthom taqa' l-pożizzjoni."

8 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 73 tad-Digriet dwar l-Universitajiet huwa redatt kif ġej:

"L-awtoritajiet universitarji għandhom jiddeterminaw, waqt id-dikjarazzjoni ta' pożizzjoni vakanti, jekk din il-pożizzjoni hijiex full-time (u/jew) part-time jew jekk tistax tagħti lok għal assenjazzjoni jew ħatra full-time jew part-time."

9 Skont l-Artikolu 76 ta' dan id-digriet, il-pożizzjoni part-time ta' membru tal-persunal akkademiku awtonomu tista' tinkludi, jew unikament attivitajiet ta' tagħlim, jew biss attivitajiet ta' riċerka, jew kombinazzjoni tat-tnejn.

10 L-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 91 tal-imsemmi digriet kien jipprevedi:

"Membru tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċita pożizzjoni full-time għandu jinħatar b'mod permanenti.

Membru tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċita pożizzjoni part-time jista' jinħatar b'mod permanenti jew inkella jinħatar fuq bażi temporanja għal perijodi li jiġġeddu ta' mhux iktar minn sitt snin."

11 L-Artikolu 7 tal-istatuut zelfstandig academisch personeel (ir-Regolamenti tal-Persunal Akkademiku Awtonomu tal-Università ta' Antwerpen, iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal ZAP") jipprevedi li pożizzjoni ta' tagħlim li jirrappreżenta mill-inqas 50 % ta' pożizzjoni full-time jagħti l-possibbiltà ta' ħatra b'mod defittiv.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, matul madwar għoxrin sena, bejn l-1990 u l-2009, FN inħatar f'diversi pożizzjonijiet suċċessivi fi ħdan il-Fakultajiet tal-Liġi u tal-Ekonomija tal-UA u fi stabbilimenti ta' tagħlim li pprečedewha fid-dritt bħala assistent, assistent-duttur, lettur, riċerkatur, lettur anzjan u fl-aħħar nett professur part-time. Mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'dan ir-rigward, FN kien jaqa' taħt il-persunal akkademiku "awtonomu" tal-UA, fis-sens tad-Digriet dwar l-Universitarji.

13 Għal kull ħatra, lil FN ġie propost kuntratti għal żmien determinat, minn perijodu ta' bejn sena u tliet snin. Dawn il-kuntratti kienu wkoll dejjem part-time, peress li l-pożizzjoni ta' tagħlim li dawn kienu jirrigwardaw kien bejn 10 u 75 % ta' pożizzjoni full time, skont il-każ. FN qatt ma nħatar b'mod permanenti.

14 Fl-aħħar tiġdid tal-mandat tiegħu għas-sena akkademika 2009, ġie propost lilu pożizzjoni ta' tagħlim li jikkorrispondi għal 15 % ta' pożizzjoni full-time fi ħdan il-Fakultà tax-Xjenzi Ekonomiċi Applikati u ta' 5 % fi ħdan il-Fakultà tal-Liġi, filwaqt li, preċedentement, il-pożizzjonijiet ta' tagħlim tiegħu fi ħdan dawn il-fakultajiet kienu jikkorrispondu rispettivament għal 50 % u għal 10 % ta' pożizzjoni full-time, u n-numru ta' sigħat ta' korsijiet kien għadda minn 165 għal 135 siegħa.

15 Wara din il-proposta, FN ressaq quddiem ir-rechtbank van eerste aanleg Antwerpen (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Antwerpen, il-Belġju) azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti fil-kawża prinċipali, prinċipalment, abbażi tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' dawn tal-aħħar u, sussidjarjament, billi invoka tkeċċija abbużiva min-naħa tagħhom. Skont FN, uħud mill-kollegi tiegħu li kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet simili kienu fil-fatt inħatru b'mod permanenti full-time u għal żmien indeterminat. Barra minn hekk, huwa kien impjegat fil-kuntest ta' "status falz" li barra minn hekk huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

16 Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Jannar 2018, ir-rechtbank van eerste aanleg Antwerpen (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Antwerpen) iddikjarat l-azzjoni kontra l-UA u l-Hogeschool ammissibbli iżda infondata, filwaqt li l-azzjoni kontra l-konvenuti l-oħra fil-kawża prinċipali ġiet iddikjarata inammissibbli. FN appella minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-hof van beroep Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju).

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li jmiss:

"Il-klawżola 4(1) tal-[Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat] u l-klawżola 4(1) tal-[Ftehim Qafas dwar Xogħol Part-Time], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-ammissjoni f'università, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali (l-Artikolu 91 tad-Digriet dwar l-Universitajiet) li tipprovdi li persunal akkademiku indipendenti b'pożizzjoni full-time jinħatar fuq bażi permanenti, u persunal b'pożizzjoni part-time jista' jew jinħatar, jew jiġi impjegat fuq bażi temporanja għal perijodi li jistgħu jiġġeddu għal massimu ta' sitt snin,

a) . tal-impjieg ta' professur, abbażi tal-libertà politika għal perijodu ta' għoxrin sena abbażi ta' għoxrin kuntratt ta' xogħol konsekuttivi, ta' żmien qasir u part-time u ta' ħatriet statutorji ta' bejn sena u tliet snin, mingħajr l-ebda limitu fin-numru totali ta' tiġdid, filwaqt li kollegi oħra b'assenjazzjoni simili bbenefikaw minn ħatra permanenti u full-time?

b) li fir-regolamenti tal-persunal tagħha tistabbilixxi biss limitu minimu ġenerali ta' perċentwali ta' impjieg ta' 50 fil-mija għall-eliġibbiltà għal ħatra fuq bażi permanenti, iżda ma tistabbilixxi l-ebda kriterju li abbażi tiegħu l-persunal part-time impjegat f'50 fil-mija jew iktar jinħatar fuq bażi permanenti jew temporanja?

c) li tagħti rati ta' ħatra lil professur part-time abbażi ta' "libertà politika"[illimitata], mingħajr ma tistabbilixxi kriterji oġġettivi u mingħajr ma tapplika kejl oġġettiv tal-piż ta' xogħol?

d) li din l-università tirrifjuta lil professur temporanju u part-time, meta l-impjieg tiegħu ma jerġax jiġġedded abbażi tal-"libertà politika" tal-università, id-dritt li jinvoka n-natura allegatament abbużiva tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-passat, għaliex huwa aċċetta dawn il-kundizzjonijiet f'kull każ billi wettaq ix-xogħol allokat, bil-konsegwenza li huwa jitlef il-protezzjoni mogħtija mid-dritt tal-Unjoni Ewropea?

Fuq id-domanda preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

18 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-konvenuti fil-kawża prinċipali jsostnu, qabel kollox, li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli fl-intier tagħha sa fejn kemm ir-rilevanza kif ukoll in-neċessità tagħha huma nieqsa. F'dan ir-rigward, huma jqisu li l-qorti tar-rinviju ma ppreċiżatx ir-raġunijiet li għalihom l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni tkun neċessarja u li d-domanda preliminari ma hijiex ċara, wisq fattwali u tinkludi preżentazzjoni suġġettiva tal-fatti, favur l-argumenti mressqa minn FN fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

19 Sussegwentement, il-konvenuti fil-kawża prinċipali jsostnu li d-domanda preliminari ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju ma tispjegax biżżejjed ir-rilevanza ta' din id-domanda fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari tat-talba għad-danni abbażi ta' att illeċitu. Bl-istess mod, il-fatti relatati mat-tilwima fil-kawża prinċipali huma deskritti biss fil-qosor fid-deċiżjoni tar-rinviju, minħabba li diġà ġew spjegati fis-sentenza tal-24 ta' Jannar 2018 tar-rechtbank van eerste aanleg Antwerpen (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Antwerpen), filwaqt li d-domanda preliminari tirrigwarda b'mod partikolari dawn il-fatti.

20 Fl-aħħar nett, l-imsemmija konvenuti jsostnu li, fir-rigward tad-diskriminazzjoni allegata, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tistabbilixxix paragun tal-kundizzjonijiet ta' xogħol bejn il-kollaboraturi temporanji part-time u dawk li għandhom impenn permanenti part-time. Konsegwentement, la l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat u lanqas il-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time ma japplikaw għall-kawża prinċipali.

21 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali bl-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma jkunu jeħtieġu sabiex jiddeċiedu l-kawża li jkollhom quddiemhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, Úrad špeciálnej prokuratúry, C-603/19, EU:C:2020:774, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, hija biss il-qorti nazzjonali, li tkun adita bil-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, hija obbligata li tagħti deċiżjoni (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, Úrad špeciálnej prokuratúry, C-603/19, EU:C:2020:774, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Minn dan isegwi li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' talba mressqa minn qorti nazzjonali hija possibbli biss jekk jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma

għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, Úrad špeciálnej prokuratúry, C-603/19, EU:C:2020:774, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 B'hekk, peress li d-deċiżjoni tar-rinviju sservi ta' bażi għall-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali tispjega, f'din id-deċiżjoni, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv tal-kawża prinċipali u tagħti minimu ta' spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet tal-għażla tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija titlob l-interpretazzjoni tagħhom, kif ukoll ir-rabta li din tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima mressqa quddiemha (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, Úrad špeciálnej prokuratúry, C-603/19, EU:C:2020:774, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Dawn ir-rekwiżiti kumulattivi li jikkonċernaw il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari jissemmew b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qorti tar-rinviju hija meqjusa, fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li għandha konjizzjoni tiegħu u li hija obbligata tosserva bir-reqqa, u li huma mfakkra, b'mod partikolari, fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (ĠU 2019, C 380, p. 1), li l-punt 15 tagħhom jirriproduċi, f'kull wieħed mill-inċiżi tiegħu, ir-rekwiżiti stabbiliti, rispettivament, fl-Artikolu 94(a) sa (c) tar-Regoli tal-Proċedura. Barra minn hekk, skont il-punt 16 ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, "il-qorti tar-rinviju għandha tipprovdi r-*referenzi preċiżi għad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali kif ukoll għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni* li l-interpretazzjoni tagħhom tkun qiegħda tintalab jew li l-validità tagħhom tkun qiegħda tiġi kkontestata" (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-21 ta' Frar 2022, Leonardo, C-550/21, mhux ippubblikat, EU:C:2022:139, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għandu jitfakkar ukoll li l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju sservi mhux biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, iżda wkoll sabiex tippermetti lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati l-oħra jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiżgura li din il-possibbiltà tiġi protetta, peress li skont l-imsemmija dispożizzjoni, huma biss id-deċiżjonijiet tar-rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati, flimkien mat-traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali ta' kull Stat Membru, mingħajr kwalunkwe fajl nazzjonali li jista' jiġi trażmess lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju (ara, b'mod partikolari, sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, Pringle, C-370/12, EU:C:2012:756, punt 85).

27 Issa, f'dan il-każ, fir-rigward tad-domandi li jinsabu speċifikament fil-punti (a) u (d) tad-domanda preliminari, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha msemmija fil-punti 21 sa 26 tal-preżenti sentenza.

28 Fil-fatt, fir-rigward ta' dan il-punt a), id-deċiżjoni tar-rinviju ma tippermettix li wieħed jifhem ir-raġunijiet li għalihom il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat u l-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, jiġifieri ż-żewġ dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet qafas li jistabbilixxu l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha membru tal-persunal akkademiku li

jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time, bħal FN, jista' jinħatar b'mod permanenti jew inkella jinħatar b'mod temporanju għal perijodi li jiġġeddu ta' mhux iktar minn sitt snin, filwaqt li membru tal-istess persunal li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim full-time jinħatar b'mod permanenti.

29 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din il-leġiżlazzjoni ppermettiet li FN għal għoxrin sena ikun impjegat abbażi ta' għoxrin kuntratt ta' xogħol konsekuttivi, għal żmien qasir u part-time, u fuq ħatriet statutorji minn sena sa tliet snin, mingħajr l-iċken limitazzjoni tan-numru totali ta' estensjonijiet, filwaqt li wħud mill-kollegi tiegħu li kellhom pożizzjonijiet paragunabbli kienu bbenefikaw minn ħatra permanenti u full-time.

30 Għandu jiġi kkonstatat li, f'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-preżentazzjoni tal-kuntest ġuridiku u fattwali ma tippermettix li jinsiltu konklużjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni msemmi fil-klawżola 4(1) rispettivi tal-imsemmija ftehimiet qafas. Din il-qorti sempliċement tindika, fil-fatt, li l-kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk l-Artikolu 91 tad-Digriet dwar l-Universitajiet huwiex kompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi l-ebda informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-membri tal-persunal akkademiku li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim full-time u/jew impjegati għal żmien indeterminat sabiex ikun jista' jiġi stabbilit paragun bejn dan il-grupp ta' ħaddiema u dak li jappartjeni għalih FN.

31 Fir-rigward tal-punt (d) tad-domanda magħmula, filwaqt li tirreferi dejjem għall-klawżola 4(1) rispettiva biss tal-Ftehimiet Qafas dwar xogħol għal żmien determinat u dwar ix-xogħol part-time, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tippermettix li jinftiehmu r-raġunijiet li għalihom il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprekludi dawn id-dispożizzjonijiet, li jirrigwardaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju bl-ebda mod ma jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali jew prattika tal-konvenuti fil-kawża prinċipali jkollhom bħala konsegwenza li membru tal-persunal akkademiku li jinsab f'sitwazzjoni bħal dik ta' FN jiġi prekluż milli jinvoka utilment in-natura abbużiva tal-kundizzjonijiet tal-impjieg preċedenti, minħabba li kull darba huwa jkun "aċċetta" dawn il-kundizzjonijiet billi eżegwixxa x-xogħol miftiehem, b'tali mod li b'hekk kien irrinunzja taċitament għal din il-protezzjoni bbażata fuq id-dritt tal-Unjoni.

32 Ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għall-punti (a) u (d) tad-domanda magħmula, għandu jiġi kkunsidrat li l-imsemmija punti (a) u (d) huma inammissibbli, filwaqt li l-punti (b) u (c) tad-domanda preliminari jibbenefikaw, min-naħa l-oħra, mill-preżunzjoni ta' rilevanza msemmija fil-punt 23 ta' din is-sentenza.

Fuq id-domanda (b)

33 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tgħinha taqta' l-kawża li jkollha quddiemha u, f'din il-perspettiva, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha (sentenza tal-10 ta' Frar 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Terminu ta' preskrizzjoni), C-219/20, EU:C:2022:89, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Id-domanda magħmula, taħt (b), tikkonċerna l-kompatibbiltà tal-Artikolu 91 tad-Digriet dwar l-Universitajiet mal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time sa fejn din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tipprovdi li membru tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim full-time għandu jinħatar awtomatikament b'mod permanenti, filwaqt li membru tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time jista' jinħatar b'mod permanenti jew jinħatar temporanjament għal perijodi li jiġġeddu mhux iktar minn sitt snin. Fir-rigward tar-Regolamenti tal-Persunal ZAP, li jidher li jikkompleta dan l-Artikolu 91, dan jipprovdi li pożizzjoni ta' tagħlim li tirrappreżenta mill-inqas 50 % ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time tagħti l-possibbiltà ta' ħatra permanenti.

35 Minn dan il-punt (b) tad-domanda magħmula jirriżulta wkoll li ebda kriterju ma huwa stabbilit sabiex jiġi ddeterminat taħt liema kundizzjonijiet membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time ta' mill-inqas 50 % ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time ma huwiex maħtur b'mod permanenti, iżda maħtur b'mod temporanju, b'tali mod li jidher li l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-eżistenza eventwali ta' diskriminazzjoni bejn gruppi differenti ta' ħaddiema part-time.

36 Madankollu, l-Artikolu 91 tad-Digriet dwar l-Universitajiet iqajjem kwistjonijiet dwar eventwali differenza fit-trattament bejn, minn naħa, il-membri tal-persunal akkademiku li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim full-time, li huma awtomatikament maħtura b'mod permanenti, u, min-naħa l-oħra, il-membri tal-persunal li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim part-time, li jistgħu jinħatru b'mod permanenti, iżda li jistgħu jinħatru wkoll fuq bażi temporanja, filwaqt li kwalunkwe kriterju ta' evalwazzjoni madankollu huwa nieqes.

37 Peress li teżisti tali differenza fit-trattament, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bejn ħaddiema full-time u ħaddiema part-time li tirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jidher li l-interpretazzjoni tal-Klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time tista' tkun utli għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddeċiedi t-tilwima fil-kawża prinċipali.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jinftiehem li permezz tad-domanda (b) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita xogħol ta' tagħlim full-time jiġi awtomatikament maħtur b'mod permanenti, filwaqt li membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time jkun kemm maħtur b'mod permanenti, kif ukoll maħtur b'mod temporanju.

39 Qabel kollox, għandu jitfakkar li peress li l-kliem tal-klawżola 4(1) ta' dan il-ftehim qafas ma jippermettux li tiġi ddefinita l-portata eżatta tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet tal-impjieg", għandu, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti din il-klawżola (sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 110).

40 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħatra tal-membri tal-persunal akkademiku awtonomu jikkostitwixxux "kundizzjonijiet tal-impjieg", fis-sens tal-klawżola 4 tal-imsemmi Ftehim Qafas, għandu jitfakkar li din il-klawżola għandha tinftiehem bħala li tesprimi prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv (digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time għandu l-għan, minn naħa, li jippromwovi x-xogħol part-time u, min-naħa l-oħra, li jelimina d-diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema part-time u l-ħaddiema full-time (digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fil-klawżola 4(1) ta' dan il-ftehim qafas hija biss l-espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza li jaqa' taħt il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni (digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li din il-klawżola tipprekludi, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, li l-ħaddiema part-time jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema full-time paragunabbli għar-raġuni biss li huma jaħdmu part-time, sakemm trattament differenti ma jkunx iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et*, C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, punt 25).

44 Interpretazzjoni ta' din il-klawżola li teskludi mill-kunċett ta' "kundizzjonijiet tal-impjieg", fis-sens tagħha, l-aċċess għal ħatra permanenti twassal sabiex jitnaqqas, bi ksur tal-għan mogħti lill-imsemmija klawżola, il-kamp tal-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati kontra d-diskriminazzjonijiet, billi tintroduċi distinzjoni, ibbażata fuq in-natura tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, li l-kliem ta' din il-klawżola bl-ebda mod ma jissuġġerixxu (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 31).

45 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-fatt li jiġu esklużi mill-aċċess għall-ħatra b'mod permanenti il-membri tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim part-time għar-raġuni biss li jaħdmu part-time vertikali jwassalx sabiex jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema full-time li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli.

46 F'dan ir-rigward, l-ewwel paragrafu tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar xogħol part-time jiddefinixxi l-"ħaddiem full-time ta' l-istess tip" bħala "ħaddiem full-time fl-istess stabbiliment li għandu l-istess tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni, li hu mqabbad biex jaħdem fl-istess xogħol/okkupazzjoni simili, b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet l-oħra li jistgħu jinkludu l-anzjanità u l-kwalifikazzjoni/kapaċità".

47 Sabiex jiġi evalwat jekk il-ħaddiema jeżerċitawx xogħol identiku jew simili, fis-sens ta' dan il-ftehim qafas, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni numru ta' fatturi, bħan-natura tax-xogħol tagħhom, il-kwalifiki u l-kompetenzi tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Issa, f'dan il-każ, l-elementi fattwali u legali tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettux li jiġi ddeterminat jekk il-membri tal-persunal akkademiku awtonomu part-time u l-membri tal-persunal akkademiku awtonomu full-time tal-UA jinsabux f'sitwazzjonijiet paragunabbli jew le, fatt li għandu fi kwalunkwe każ jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

49 Skont l-uniċi indikazzjonijiet li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari, l-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal ZAP jipprevedi li pożizzjoni ta' tagħlim part-time li jikkorrispondi għal mill-inqas 50 % ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time jagħti l-possibbiltà ta' ħatra permanenti, peress li ebda kriterju ieħor ma huwa, skont il-qorti tar-rinviju, iddefinit.

50 Minn dan isegwi li l-ħaddiem li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim full-time awtomatikament għandu aċċess awtomatiku għal ħatra permanenti, filwaqt li ħaddiem li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time għandu biss, f'kundizzjonijiet mhux regolati minn dawn ir-regolamenti tal-persunal, il-possibbiltà biss li jibbenefika minn tali ħatra. Għaldaqstant din hija differenza fit-trattament bbażata biss fuq il-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat jeżerċita x-xogħol tiegħu part-time.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, mill-kliem tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 91 tad-Digriet dwar l-Universitajiet, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal ZAP, jidher li jirriżulta b'mod ċar li l-membri tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim full-time u l-membri tal-persunal akkademiku awtonomu li jeżerċitaw pożizzjoni ta' tagħlim part-time huma ttrattati b'mod differenti fir-rigward tal-aċċess għal ħatra permanenti.

52 Madankollu, mill-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas jirriżulta li tali differenza fit-trattament tista' titqies li hija konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jekk din hija ġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi.

53 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" għandu jinftiehem bħala li ma jippermettix li tiġi ġġustifikata differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema part-time u l-ħaddiema full-time minħabba l-fatt li din id-differenza hija prevista minn regola nazzjonali ġenerali u astratta, bħal liġi jew ftehim kollettiv (digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

54 Dan il-kunċett jirrikjedi li l-inugwaljanza fit-trattament ikkonstatata tkun iġġustifikata permezz tal-eżistenza ta' elementi preċiżi u konkreti, li jikkaratterizzaw il-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni, fil-kuntest partikolari tagħha u fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, sabiex jiġi vverifikat jekk din l-inugwaljanza tissodisfax ħtieġa reali, jekk hijiex ta' natura xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u jekk hijiex neċessarja għal dan il-għan. L-imsemmija elementi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, min-natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom ikunu ġew konklużi l-kuntratti għal żmien determinat u mill-karatteristiċi inerenti għalihom jew, jekk ikun il-każ, mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru (digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, AEAT (Kalkolu tal-anzjanità għall-ħaddiema part-time tat-tip vertikali li jalterna), C-439/18 u C-472/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:858, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

55 F'dan il-każ, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, jidher li la l-Artikolu 91 tad-Digriet dwar l-Universitajiet u lanqas l-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal ZAP ma jsemmu ġustifikazzjoni oġġettiva. Bl-istess mod, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-UA tiġġustifika l-ħatra permanenti tal-membri tal-persunal akkademiku fir-rigward ta' raġunijiet oġġettivi minbarra l-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu full-time.

56 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula (b) għandha tkun li l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim full-time jinħatar awtomatikament b'mod permanenti, mingħajr raġuni oġġettiva oħra minbarra l-fatt li jeżerċita l-imsemmija pożizzjoni full-time, filwaqt li membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time jinħatar b'mod permanenti jew b'mod temporanju.

Fuq id-domanda (c)

57 Permezz tad-domanda (c) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prattika nazzjonali li permezz tagħha, meta jinħatru membru tal-persunal akkademiku għal pożizzjoni ta' tagħlim part-time, l-awtoritajiet akkademiċi kkonċernati, fid-dawl tal-awtonomija rrikonoxxuta lilhom mid-dritt nazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, ma humiex obbligati jikkonformaw ruħhom ma' kriterji oġġettivi meta jiddeterminaw il-perċentwali li jirrappreżenta din il-pożizzjoni ta' tagħlim part-time imqabbla ma' pożizzjoni full-time.

58 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dan l-aspett tad-domanda preliminari jidher marbut mal-fatt li, matul l-2008, il-pożizzjoni ta' tagħlim part-time ta' FN kienet tirrappreżenta 165 siegħa ta' korsijiet imqassma bejn żewġ fakultajiet tal-UA, li kien jikkorrispondi, rispettivament, għal 50 % u għal 10 % ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time, filwaqt li l-offerta ta' ħatra għall-2009 kienet tirrigwarda 135 siegħa ta' korsijiet, li kien jikkorrispondi għal 15 % ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time fi ħdan l-ewwel fakultà u 5 % fi ħdan it-tieni. Minn dan jirriżulta li, għall-2008, 165 siegħa ta' korsijiet kienu jirrappreżentaw servizz ta' tagħlim li jikkorrispondi għal 60 % ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time, filwaqt li, għall-2009, 135 siegħa ta' korsijiet kienu jirrappreżentaw biss 20 % pożizzjoni ta' tagħlim full-time, mingħajr ma t-tnaqqis sinjifikattiv ta' dan il-perċentwali meta mqabbel ma' dak, iktar relattiv, tan-numru ta' sigħat ta' korsijiet ikun ibbażat fuq kriterji oġġettivi.

59 Għaldaqstant, id-domanda (c) għandha tiġi fformulata mill-ġdid fis-sens li hija intiża, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi, fir-rigward tal-persuna li timpjega li timpjega ħaddiem part-time, rekwiżiti fir-rigward tal-mod ta' kalkolu tal-perċentwali li tirrappreżenta din il-pożizzjoni ta' tagħlim part-time fir-rigward ta' pożizzjoni ta' tagħlim full-time paragunabbli.

60 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-klawżola 3(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time jiddefinixxi l-"ħaddiem part-time" jirreferi għal "ħaddiem li s-sigħat normali tax-xogħol tiegħu, ikkalkulati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja għal perjodu ta' impjieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' ħaddiem *full-time* ta' l-istess tip".

61 Madankollu, la din id-dispożizzjoni u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time ma tipprevedi rekwiżiti relatati mal-kalkolu tal-perċentwali li jirrappreżenta l-piż ta' xogħol ta' ħaddiem part-time fir-rigward tal-piż ta' xogħol ta' ħaddiem full-time li jinsab f'sitwazzjoni paragunabbli.

62 Minn dan jirriżulta li l-mod ta' kalkolu tal-perċentwali ta' piż ta' xogħol part-time meta mqabbel ma' piż ta' xogħol full-time ma huwiex regolat mill-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time.

63 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula (c) għandha tkun li l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprevedi, fir-rigward tal-persuna li timpjega li timpjega ħaddiem part-time, ebda rekwiżit fir-rigward tal-mod ta' kalkolu tal-perċentwali li tirrappreżenta din il-pożizzjoni part-time fir-rigward ta' pożizzjoni full-time komparabbli.

Fuq l-ispejjeż

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997 li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC, kif emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 98/23/KE tas-7 ta' April 1998, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim full-time jinħatar awtomatikament b'mod permanenti, mingħajr raġuni oġġettiva oħra minbarra l-fatt li jeżerċita l-imsemmija pożizzjoni full-time, filwaqt li membru tal-persunal akkademiku li jeżerċita pożizzjoni ta' tagħlim part-time jinħatar b'mod permanenti jew b'mod temporanju.**

2) **Il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997, li jinsab fl-anness tad-Direttiva 97/81, kif emendat bid-Direttiva 98/23, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprevedi, fir-rigward tal-persuna li timpjega li timpjega ħaddiem part-time, ebda rekwiżit fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tal-perċentwali li tirrappreżenta din il-pożizzjoni part-time fir-rigward ta' pożizzjoni full-time komparabbli.**

Firem